IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 06-2019(05_11_19)**

**5 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

06.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

06.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 05-2019(01_10_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

06.3.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li kellu.
Dawn jinkludu:
Saret laqgħa ma' rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc rigward l-ATM tax-Xlendi, saret laqgħa ma' rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina, saret laqgħa mal-Perit Samuel Formosa rigward il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, saret laqgħa mal-GAGF rigward il-proġett LEADER u saret il-Laqgħa tar-Reġjun Għawdex fejn ġie diskuss dwar l-Għassa tal-Pulizija, il-ġbir tal-iskart nhar ta' Sibt u r-rikjesta għal ġbir tal-ħġieġ fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar.

Is-Sindku informa lill-Kunsill bl-iffirmar ta' kuntratt u attivitajiet li ngħataw bidu u oħrajn li huma ppjanati.
Dawn jinkludu:
Ġie ffirmat il-kuntratt tar-restawr tat-Torri tax-Xlendi, ingħata bidu għas-sessjonijiet ta' *Chair Yoga* għall-anzjani, ser issir ħarġa għal kulħadd fejn ser inżuru l-Monti tal-Milied fir-Rabat magħruf bħala *Natalis Notabilis* fil-11 ta' Diċembru 2019, ser issir ħarġa għat-tfal li ser tkun tikkonsisti fi żjara f'Bethlem f'Għajnsielem u żjara tal-presepji iżda dwar din il-ħarġa ser jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u ser isir il-*Christmas Market* fl-14 u 15 ta' Diċembru 2019 fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal diversi talbiet li kien irċieva.
Dawn it-talbiet jinkludu:
Saret talba għal *Keep Clear/No Parking* quddiem *drive-in* fi Triq il-Biżantini, saret talba għall-ħadida biex jiddendel iż-żibel magħha fi Triq il-Qsajjem quddiem Triq ir-Rumani u saret talba sabiex issir bozza fi Triq iż-Żirżieb.

**06.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

06.4.1 Is-Sa Carmela Parnis issuġġeriet li fit-telgħa ta' Triq San Xmun isir *double yellow line* sabiex ma jipparkjawx. Għalissa ma jistax isir minħabba li hemm *garage*. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-kantuniera ta' Triq iż-Żirżieb ma' Triq ir-Ranċiż qed jintefa' ħafna żibel. Il-*wardens* huma infurmati u l-kuntrattur qed inaddaf kull meta ssir il-*collection* tal-ġurnata. Hija lmentat ukoll li fil-Pjazza tal-Knisja hemm xi *wires* imdendlin. Il-Kunsill kien ser jikteb lil GO plc u Melita plc.

06.4.2 Is-Sur Mark Busuttil ilmenta li x-xogħol tal-*Masterplan* tax-Xlendi jinsab wieqaf u x-xogħol fuq id-*dry standing area* huwa wieqaf. Għal Pjazza l-Anfori ser jinħarġu t-*tenders* u x-xogħol ser isir f'Marzu 2020. Ix-xogħol kollu jrid jitlesta sa Diċembru 2020.

06.4.3 Is-Sinjura Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq ix-Xadba qed jintefa' terrapien biex jimtlew it-toqob tat-triq. Semmiet ukoll li fi Triq il-Kalkara tal-Ġir sfronda ħajt tas-sejjieħ u l-ġebel ġie fin-nofs tat-triq. Il-Kunsill kien ser ipoġġi dak il-ġebel mal-ġenb tat-triq.

**06.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

06.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' kuntratt ta' xogħol li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-iskrivana l-ġdida li ser tkun Skala 15. Kien hemm qbil li jiġi ffirmat.

06.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-*return* tal-*performance* ta' kull ħaddiem tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* skont il-*Local Councils' Association Labour Supply Agreement.* Il-ħlas tal-*bonus* irid isir mill-Kunsill u sabiex ħaddiem jingħata massimu ta' €450 irid iġib 'il fuq minn 90% tal-punti. Is-Segretarju Eżekuttiv irrikkmanda 91% lil kull ħaddiem. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

06.5.3 Ir-Reġjun Għawdex qed jitlob lil kull Kunsill f'Għawdex jekk isibux oġġezzjoni li l-ġabra tal-ħġieġ tibda ssir kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar minflok kull l-ewwel Ħamis tax-xahar. Kien hemm qbil dwar dan.

06.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għar-rapport li kien sar minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd dwar *Fire Safety* għall-binja tal-Kunsill. F'dan ir-rapport ġew ippreparati *Fire Detection and Alarm System Layout*, *Emergency Lighting System Layout* u *Escape Route and Fire Extinguishers System Layout*.
Sabiex dan ir-rapport jiġi attwat, is-Segretarju Eżekuttiv talab stima mingħand Infotech Enterprises Ltd u din tammonta għal €2,252.59. Kien hemm qbil li din tiġi ordnata.

06.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien qed jistenna stima sabiex Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina jsirulu *gates* f'kull fetħa li għandu. B'kollox hemm ħames fetħiet.

06.5.6 F'din il-laqgħa kien hawn preżenti s-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier ġdida li ġiet eletta b'elezzjoni każwali. Is-Sindku ntalab jagħti r-responsabbiltajiet lis-Sinjura Juliet Attard. Hija ngħatat: l-Ambjent, il-Ħarsien tal-Annimali u l-Integrazzjoni Soċjali.

**06.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

06.6.1 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Protest Ġudizzjarju b'referenza numru 3975/19. Il-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex taġixxi u tirrispondi f'isem il-Kunsill Lokali.

06.6.2 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2019', bil-għan li joħroġ fil-beraħ l-impenn taż-żgħażagħ b'mod Nisrani fis-soċjetà Maltija u hu miftuħ għal dawk iż-żgħażagħ kollha li juru sens kbir ta' impenn fil-ħajja Nisranija tagħhom ta' kuljum u għalhekk ikunu ta' eżempju qawwi għal żgħażagħ oħra. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel in-nomini tiegħu għal dan il-premju prestiġjuż.

06.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2019/125 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Communication to EU National Associations – YEPs (Young Elected Politicians) United 4 Climate – 3rd December 2019'. Qed tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza li tikkonċerna l-involviment taż-żgħażagħ fil-politika attiva dwar it-tibdil fil-klima. Din il-konferenza hija miftuħa għal żgħażagħ eletti f'awtoritajiet lokali u reġjonali li ma jkunux qabżu l-erbgħin sena sat-3 ta' Diċembru 2019. Dawn ma jridux ikunu wkoll membri tal-Kumitat tar-Reġjuni. *YEP's* ser ikollhom ukoll l-opportunità li jipparteċipaw fil-*European Committee of the Regions* (CoR) *Plenary Session* fl-4 u 5 ta' Diċembru 2019 u fil-*political group meeting* kif ukoll jiġu mistiedna jingħaqdu ma' *National Delegation Meetings* differenti.

06.6.4 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tat-88 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tal-21 ta' Ottubru 2019 u l-Minuti tal-Laqgħat Numri 86/2019 u 87/2019 kif ukoll l-Iskedi ta' Pagamenti Nru 82 u Nru 83 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

06.6.5 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex triq li suppost infetħet 20 sena ilu tinfetaħ. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jieħu azzjoni għaliex meta tagħmel ix-xita, dejjem ikunu maqbuda hemm ġewwa. Ġie deċiż li din it-talba tiġi rreferuta lill-awtoritajiet konċernati.

06.6.6 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq Munxar fejn qed jitlob li peress li l-mara tiegħu għandha problema ta' mobilità jrid li l-bankina titranġa għaliex hija għolja ħafna. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lill-Perit tal-Kunsill.

06.6.7 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida fi Triq Sant'Anjeże. Diġà saret it-talba lill-ħaddiema tas-CMU.

06.6.8 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-EAFRD Managing Authority rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jinbnew ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xadba, Il-Munxar. Peress li l-*area* taqa' f'Natura 2000 u l-Kunsill ma kienx ikkorrisponda mal-ERA, din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata.

06.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* fejn il-Kunsill ġie mistieden jibgħat rappreżentanza fir-*Regional Strategy Working Group* fil-proġett intitolat "Provvedimenti ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali".

06.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġinier tal-*Maintenance and Services Section* fi ħdan id-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp fejn qed tinforma lill-Kunsill li sabu *extension* imqabbad mal-*main* fuq barra li jissupplixxi kurrent lill-fanali ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Ix-Xlendi. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

06.6.11 Il-Kunsill talab lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex sabiex triq ġdida fi Triq Ta' Rinota tingħata l-isem peress li diġà bdew joqogħdu residenti f'din it-triq. Il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex jiddikjara jekk din it-triq hijiex pubblika jew privata. Sabiex isir dan, il-Kunsill irid jimla *Form* GLA 20 b'*site plan* mingħand perit u tintbagħat lil-Lands Authority.

06.6.12 Il-Kunsill ġie infurmat mingħand Transport Malta li saret applikazzjoni għal *reserved parking bay* fi Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi. Il-Kunsill ma għandux oġġezzjoni.

06.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Correct Termination Ltd dwar il-proposta tagħhom ta' servizz ta' *Video-on-Demand*. Il-ħlas ser ikun: *set-up* ta' darba €295.00 VAT inkluż u €1,239.00 VAT inkluż kull sena bil-quddiem. Kien hemm qbil dwar dan.

06.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-*Environment Protection Officer*, *Environment Permitting* fejn informa lill-Kunsill li ma huwiex permess li jsir *heavy pruning* tas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja iżda qed jirrikkmanda li jsir *light pruning*. Is-Sindku rrimarka li meta sar *light pruning*, il-friegħi kibru aktar.

Il-ħin kien is-7.22 ta' filgħaxija u s-Sur Mark Busuttil talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**06.7 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

06.7.1 It-tkomplija tal-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja ser jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Ministru qed titlob laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġu diskussi l-pjanti u l-finanzjament. Diġà saret laqgħa mal-Perit Samuel Formosa fuq il-post biex jipprepara l-pjanti u l-*bill of quantities* u jiġu diskussi fil-laqgħa li ser issir mal-Ministru.

**06.8 Jum Il-Munxar 2019**

06.8.1 Din is-sena Jum Il-Munxar ser jiġi ċċelebrat il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2019. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa sabiex jiġu nnominati persuni għal Ġieħ Il-Munxar 2019. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa fil-11 ta' Novembru 2019 biex isir il-programm għas-Serata ta' Jum Il-Munxar.

**06.9 Sehem il-Kunsill fit-tiżjin tal-Milied**

06.9.1 Bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija, il-Kunsill ħa ħsieb sabiex iżejjen xi toroq fil-Munxar u Ix-Xlendi. Peress li din is-sena ħafna mill-armaturi tal-Milied ma jaħdmux għaliex ġralhom il-ħsara bil-maltemp tas-sena l-oħra, il-Kunsill ser jiġbor stimi biex l-armaturi jinkrew u jitwaħħlu mill-istess kuntrattur. Kien hemm qbil dwar dan.

06.9.2 Ser jiġi organizzat *Christmas Market* fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar bejn l-14 u 15 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill ser jiġbor stimi għas-sistema ta' *sound* għal dawn il-jumejn.

**06.10 Kisi ta' parti minn Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi**

06.10.1 Saret referenza għall-ftehim li sar bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill Lokali Il-Munxar. Dan il-kuntratt ġie ffirmat fis-7 ta' Marzu 2019 u sar sabiex tingħata l-ewwel kisja ta' parti minn Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Permezz ta' dan il-kuntratt, il-Ministeru għal Għawdex ser iħallas parti mill-ispejjeż tal-materjal u tax-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett u l-Kunsill għandu jikseb il-permessi kollha neċessarji mingħand l-awtoritajiet kompetenti qabel ma jibda dawn ix-xogħlijiet u l-Kunsill huwa responsabbli mill-immaniġġar ta' dan il-proġett.

Peress li din hija triq ġdida, il-Kunsill talab informazzjoni mingħand il-Lands Authority jekk it-triq hijiex privata jew pubblika. Il-Kunsill ġie infurmat li dik il-parti tat-triq ma hijiex proprjetà tal-Gvern.

Skont il-Perit tal-Kunsill, ladarba l-art ma hijiex proprjetà tal-Gvern irid isir l-*expropriation* tal-art qabel ma jsiru xi xogħlijiet. Il-Kunsill ma huwiex entità li jista' jagħmel *expropriation* u għaldaqstant il-Kunsill ser jitlob sabiex l-*expropriation* issir mill-Ministeru għal Għawdex.

**06.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

06.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 06-2019(05_11_19) li tkopri l-perjodu mit-2 ta' Ottubru 2019 sal-4 ta' Novembru 2019 għall-ammont totali ta' €38,716.67 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**06.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

06.12.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:20 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru 2019 fis-7:00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 07-2019(10_12_19) li nżammet nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru 2019.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku